KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 2 ta' Frar 2011 (07.02)
(OR. de)

5877/11

DROIPEN 7

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Peter Tempel, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-Unjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 21 ta' Jannar 2011 |
| lil: | Is-Sur Ivan BIZJAK, Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali H (Ġustizzja u Affarijiet Interni) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali;<br>Rapport ta' implimentazzjoni tal-Ġermanja skont l-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni Qafas |

Għażiż Sur Direttur Ġenerali,

Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandu l-unur jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea b'dan li ġej:

Skont l-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li sat-28 ta' Novembru 2013 jgħarrfu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw id-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu.

Għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas fil-liġi Ġermaniża kien jeħtieġ li jiġi adattat l-Artikolu 130 tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniż. L-implimentazzjoni titwettaq permezz tal-liġi dwar l-

*implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali u dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Addizzjonali tat-28 ta' Jannar 2003 dwar il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-23 ta' Novembru 2001 dwar iċ-ċiberkriminalità fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni permezz ta' sistemi tal-kompjuter ta' atti mwettqa ta' natura razzista u ksenofobika (BT Drcks. 17/3124).*

Il-liġi dwar l-implimentazzjoni ġiet approvata mill-Parlament Ġermaniż mingħajr modifiki u hija mistennija tidħol uffiċjalment fis-seħħ f'Marzu 2011 bil-pubblikazzjoni tagħha fil-Bundesgesetzblatt (Gazzetta tal-Liġi Federali). Kopja tal-liġi fil-Bundesgesetzblatt tintbagħat immedjatament wara l-pubblikazzjoni tagħha.

Bħala Anness għal din l-ittra qed nehmeż ir-rapport ta' implimentazzjoni, li fih it-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti dwar il-penali, tabella ta' korrelazzjoni kif ukoll spjegazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet dwar il-penali li jimplimentaw id-Deċiżjoni Qafas.

Bħala persuni ta' kuntatt għal kwalunkwe spjegazzjoni tar-rapport ta' implimentazzjoni naħtar lil:

Herrn
Regierungsdirektor
Matthias Hellman, LL.M
Bundesministerium der Justiz
Mohrenstr. 37
10117 Berlin
Ġermanja
Tel.: + 49 30 18 580 9225
Fax: + 49 30 18 580 8252
Posta elettronika: hellman-ma@bmj.bund.de

u

Herrn
Richter
Dr. Martin Rosenbaum
Bundesministerium der Justiz
Mohrenstr. 37
10117 Berlin
Ġermanja
Tel.: + 49 30 18 580 8542
Fax: + 49 30 18 580 8252
Posta elettronika: rosenbaum-ma@bmj.bund.de

(Għeluq komplimentari)

(iffirmat) Peter TEMPEL